DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004

(2006/832/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0099/2006),

1. Jagħti kwittanza lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004;

2. Jagħmel il-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha lid-Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza u għas-Saħħa fuq ix-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u sabiex jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali
Julian PRIESTLEY

([1]) ĠU C 269, 28.10.2005, p. 1.
([2]) ĠU C 332, 28.12.2005, p. 23.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1112/2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).